MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2008

Citazzjoni Numru. 865/2008

Hassan M.E. Marwan
vs
International Services & Trading Co Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih eccepixxa:

1. Illi r-rikorrent kien fl-impjieg tas-socjeta` intimata u kien jokkupa l-kariga ta' "overseas representative";

2. Illi s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrenti u dan fis-somma komplessiva ta' Euro40340.09 (erbghin elf tliet mija u erbghin Euro u disa' centezmi) ekwivalenti ghal Lm17,318 (sbatax-il elf tliet mija u tmintax-il lira Maltija) formanti parti minn somma akbar rapprezentanti diversi servizzi rezi lis-socjeta` intimata in konnessjoni mal-impjieg tieghu gja deskritt u dan kif jirrizulta minn Dok A anness mar-rikors, liema servizzi gew rezi fuq

struzzjonijiet u direttivi ta’ l-istess socjeta` intimata oltre l-imghaxijiet legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv;

Illi s-socjeta` intimata ghad li giet interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent, b’dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta’ Euro40340.09 (erbghin elf tliet mija u erbghin Euro u disa’ centezmi) ekwivalenti ghal Lm17,318 (sbatax-il elf tliet mija u tmintax-il lira Maltija) formanti parti minn somma akbar rapprezentanti diversi servizzi rezi lis-socjeta` intimata in konnessjoni mal-impjieg tieghu gja deskritt u dan kif jirrizulta minn Dok A anness mar-rikors liema servizzi gew rezi fuq struzzjonijiet u direttivi ta’ l-istess socjeta` intimata oltre l-imghaxijiet legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru tas-27 ta’ Awissu 2008 li gie prezentat kontestwalment ma’ din il-kawza u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata li giet minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Hassan M.E. Marwan, li fih ikkonferma u iddikjara li ai termini ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, li hu ghandu jiehu s-somma komplessiva ta' Euro40340.09, ekwivalenti ghal Lm17,318, formanti parti minn somma akbar rapprezentanti diversi servizzi rezi lis-socjeta` intimata in konnessjoni ma' l-impjieg tieghu, liema servizzi gew rezi fuq struzzjonijiet u direttivi ta' l-istess socjeta` intimata oltre l-imghaxijiet legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv. Semma li nonostante diversi talbiet ghall-hlas l-istess socjeta` intimata baqghet inadempjenti.

Xehed Hassan M.E. Marwan u qal li minn meta giet intavolata l-kawza hu ma thallas xejn, lanqas precedentement u ghalhekk kellu jistitwixxi l-kawza odjerna.

Rat li s-socjeta` intimata hija debitament notifikata u ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent tirrizulta gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, qed tilqa' l-istess talba tar-rikorrent u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' Euro40340.09 (erbghin elf tliet mija u erbghin Euro u disa' centezmi) ekwivalenti ghal Lm17,318 (sbatax-il elf tliet mija u tmintax-il lira Maltija) formanti parti minn somma akbar rapprezentanti diversi servizzi rezi lis-socjeta` intimata in konnessjoni mal-impjieg tieghu gja deskritt u dan kif jirrizulta minn Dok A anness mar-rikors liema servizzi gew rezi fuq struzzjonijiet u direttivi ta' l-istess socjeta` intimata oltre l-imghaxijiet legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------